

# Il-Ħamrun u l-Vapur tal-Art

*minn Max Farrugia*

Minħabba il-pożizzjoni strateġika tiegħu, il-Ħamrun dejjem lagħab parti importanti ħafna fejn jidħol Trasport, kemm jekk huwa pubbliku, kif ukoll aktar 'il quddiem meta daħlu l-karrozzi privati. Sa minn żmien antik ħafna nistgħu ngħidu li kull mezz ta' trasport li kien jgħaqqad iż-żewġt ibliet ta' Malta, dik tal- Mdina u l- Belt Valletta, ried jgħaddi mill-Ħamrun anki meta kien għadu ma ġiex iffurmat bħalma huwa llum minħabba li l-triq prinċipali tiegħu kienet, nistgħu ngħidu, l-unika triq prinċipali li tgħaqqad parti importanti mir-rotta bejniethom. Triq *De San Giuseppe* kif kienet magħrufa fl-antik nistgħu ngħidu li rat kull mezz ta' trasport, fosthom karettuni tax-xogħol, karozzini, karrozzi tal-linja, it-tramm, u saħansitra l-vapur tal- art jew kif insibuh illum il-ferrovija.

Fil-qasam fejn jidħol it-trasport bil-vapur tal-art, il-Ħamrun lagħab parti importantissima biex ma ngħidx ewlenija. Mill-Ħamrun mhux biss kienet tgħaddi il-ferrovija bil-vjaġġ tagħha lejn stazzjonijniet oħra li kienu jwasslu sar-Rabat, imma kien il-qalba tal-attivitajiet kollha konnessi ma' dan il-mezz ta' trasport.

Il-ferrovija kienet tibda il-vjaġġ tagħha mill-Belt Valletta, tiġbed lejn l-istazzjon tal-Furjana, li parti minnu kien taħt l-art, toħroġ viċin il-bieb tal-Bombi u tiġbed lejn il-Mile-end, u għal parti minn Triq il-Kbira San Ġużepp, u tkompli lejn l-istazzjon li kien ċentrali ġafna u li għadu jeżisti sal- lum. Matul iż-żminijiet, dan l-istazzjon wara li ngħalaq beda jintuża għal skopijiet differenti fosthom bħala stazzjon tar-Redifusion. Illum il-ġurnata, parti minnu jintuża mill-Grupp tal-Iscouts tal-Ħamrun, filwaqt li l-imħażen fejn kienu jinżammu l-magni matul il-lejl jintużaw minn kumpanija privata li tipproċessa l-ħalib fi prodotti differenti. Grazzi għal dawn iż-żewġ entitajiet, dan l-istazzjon jinżamm tajjeb ħafna.

L-istazzjon tal-Ħamrun, fi żmien meta kienet taħdem il-ferrovija, kien kunsidrat bħala l-aktar wieħed importanti li kellha l-kumpanija matul ir-rotta kollha. Kien stazzjon li kellu żewġ platforms bil-linji, li wieħed minnhom kien jasal sal-imħażen fejn kienu jinżammu l-magni li jmexxu l-vaguni wara li jispiċċa x-xogħol tagħhom tal-ġurnata. F'dawn l-imħażen, kien jsir ukoll ix-xogħol kollu konness tas-sistema tal-ferrovija fuq il-magni u l-vaguni, bħal ngħidu aħna zebgħa, ħasil tal-vaguni u tiswija. Hawnhekk ukoll il- magni kienu jingħataw il-faham bil-lest għal vjaġġi tal-għada.

F'dan il- kumpless kien hemm ukoll il-workshops fejn kienet issir it-tiswija fuq il-magni. Kien hemm kamra żgħira minn fejn il-passiġġiera jaqtgħu l-biljetti, tinda sabiex il-passigiera ikun jistgħu jistkennu taħtha mill-elementi tan-natura u

*ikompli f'paġna 77*

kamra għall-istation master. Ma' dawn kien hemm ukoll numru ta' kmamar u uffiċini oħra. Minħabba dan kollu, dan l-istazzjon kien ikkunsidrat importanti aktar minn dak tal-Belt fejn jibda l-vjaġġ u dak ta' Notabile fejn jintemm il-vjaġġ. Matul il-ġurnata, numru ta' żgħażagħ b'interess fl-inġinerija kienu jiġu mħarrġa. Tant kien hemm interess f'dan is-settur li minħabba in- nuqqas ta' spazju, kienu jiġu rrifjutati l-applikazzjonijiet. Il-lezzjonijiet ma kinux isiru biss ġol-klassijiet imma ħafna mit-tagħllim kien isir minn għalliema mħarrġa fl-inġinerija fil-workshops fejn kienu jiġu imsewwija ħsarat li jinqalgħu lill-inġenji. Aktar 'il quddiem, fit-tieni leġislatura, wara s-Self Government tal-1921, Monsinjur Enrico Dandria, li kien Ministru tal-Edukazzjoni kien jissussidja din l-iskola u aktar 'il quddiem kienet twaqqfet skola teknika f'dan il-kumpless.



*l-istazzjon tal- Hamrun minn gewwa*



*l-akwata tal- Blata l- bajda*



*railway enbankment is being encased with masonary in 1882*

L-istazzjon anki fejn tidħol it-teknika mas-sigurta', kien aktar avvanzat minn oħrajn. Fih kien hemm sistema li taħdem bid-dawl li tindika jekk il- linji kinux qed jintużaw jew le. B'hekk jiġu evitati inċidenti. Din is-sistema, li kienet unika fuq il-linji kollha, kienet taħdem bid-dawl. F'postijiet oħra, is-sinjali kienu jsiru manwali mill-ħaddiema mħarrġa apposta.

Fil-każ tal-Ħamrun, il-vapur tal-art kien joħroġ mill-istazzjon minn fejn hemm

*ikompli f'paġna 79*

il-grada prinċipali għal dan il-kumpless quddiem is-siġar li hemm fit-triq. Minn hawn kien jitla' mit-triq li tagħti għall-oratorju, li dak iż-żmien ma kienx jeżisti, jgħaddi eżattament minn fejn illum hemm l-altar prinċipali tal-Knisja Parrokkjali u jiġbed lejn il-Knisja u l-Kunvent tal-Patrijiet Franġiskani fejn dak iż-żmien kien hemm embankment. F'dawn il-viċinanzi kien hemm bħal stazzjon zgħir li kull ma kellu fih ilqugħ għall- elementi tan-natura għall-passiġġiera, u kamra żgħira għall-kolletturi tal-biljetti. Minn hawn, il-ferrovija kienet tħalli l-Ħamrun, tibqa' sejra lejn Misraħ il-Barrieri u tkompli triqtha lejn Santa Venera u Birkirkara. Ta' min jgħid li xi 250 metru 'l fuq mill-Knisja tal-Patrrijiet, wieħed għadu jista' jara fdalijiet ta' parti mill-embankment li minn fuqu kienet tgħaddi l-ferrovioja. Dawn jinsabu f'parti mit-triq preżenti li sal-lum mhux mibnija. Bi sfortuna kbira ħafna mit-triq li minn fuqha kienet tgħaddi l-ferrovija matul ir-rotta kollha, illum il-ġurnata m'għadhomx jeżistu, u xi wħud mill-fdalijiet li jfakkruna li f'dawn iż-żminijiet jinsabu fi stat t'abbandun. Dan mhux qed ngħidu għall-istazzjon tal-Ħamrun għax grazzi għall-grupp tal- iscouts u l-kumpanija kummerċjali, dan l-istazzjon jinsab fi stat ta' konservazzjonji tajjeb ħafna. La qed insemmu fdalijiet tal-ferrovija, tajjeb wieħed jinnota li mas-siġar li hemm quddiem l-istazzjon propja għad hemm fdalijiet tal-linji tal-ferrovija li kienu kienu jintużaw dawk iż-żminijiet u llum qed jintużaw bħala sapport għas-siġar. Illum il-ġurnata, ftit li xejn baqa' linji tal-ferrovija li għadhom jeżistu għax il- kumpanija kienet biegħet il-linja sabiex jintużaw bħala travi jew infurzar għas-soqfa tal-konkos.

Ta' kull sena f'wieħed mill-anniversarji tal-ferrovija, il-Fondazzjoni "The Malta Railway" bil-koperazzjoni tal-lscouts tal-Ħamrun u l-Kunsill Lokali, jorganizzaw esebizzjoni u taħdidiet dwar il-ferrovija f'Malta. Din nistgħu ngħidu li saret avveniment nazzjonali li jiġbed ħafna nies. Minbarra hawnhekk, il- fondazzjoni torganizza wkoll ħarġiet lejn stazzjonijiet oħra madwar il-pajjiż. Tajjeb ngħidu wkoll, li dan il-mezz ta' trasport mhux se jmut fuq ommu, għax l-istess Fondazzjoni flimkien mal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara qiegħda taħdem fuq ir-restawr tal-uniku vagun li għad baqa' hawn Malta, u anki fuq it-twaqqif ta Mużew tat-trasport.

Tajjeb ngħid li l-ferrovija f'Malta ġiet inawgurata fit-28 ta' Frar 1883. Dakinhar, l-Isqof Monsinjur Carmelo Scicluna fil-11.00 ta' filgħodu, ħareġ akkumpanjat minn uffiċċjali għolja tal-kumpanija mill-Knisja tal-Vitorja fil-Belt, mexa sal-istazzjon tal-Belt fejn kien hemm il-ferrovija, bierek l-inġenji u l-bini l-ġdid ta' dan il-proġett, li llum il-ġurnata m'għadux jeżisti, u flimkien ma' dawk preżenti rħewlha lejn l-istazzjon Notabile li hemm taħt is-Saqqajja. Dawn ġew lura wara ftit tal-ħin. Iċ-ċerimonja uffiċċjali ta' dan il-mezz ta' trasport ġdid f'Malta saret dakinhar stess wara nofsinhar fl-istazzjon Notabile li kien jinsab f'tarf ir-rotta wara li ħalla l-istazzjon tal- Belt. Għal din iċ-ċerimonja attendew l-ogħla uffiċċjali tal-pajjiż. Kien propju fil-31 ta' Marzu tal-1931, li l-vapur tal-art għamel l-aħħar vjaġġ tiegħu qabel intemm dan is-servizz darba għal dejjem. Kienu ilhom ftit li bdew jinħassu l-problemi b'mod speċjali finanzjarji, minħabba l-introduzzjoni tat-tramm f'Malta li kien effiċċjenti u anki irħas. Il-Ħamrun kien ukoll servut b'dan il-mezz ta' trasport.